



IL-PRODUZZJONI TAL- AKKWAKULTURA FL-UNJONI EWROPEA

Il-produzzjoni tal-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea għadha relattivament staġnata meta mqabbla mar-rati dejjem jiżdiedu tal-produzzjoni ta' frott tal-baħar imrobbi fil-livell dinji. Matul dawn l-aħħar 20 sena, il-Kummissjoni ppruvat iżżid il-potenzjal ta' produzzjoni tal-UE permezz tat-tnedija ta' diversi dokumenti ta' strateġija u linji gwida, u fl-2016 ġie stabbilit il-kunsill konsultattiv għall-akkwakultura (AAC). Dan il-korp huwa magħmul minn rappreżentanti tal-industrija u ta' organizzazzjonijiet ta' partijiet interessati rilevanti oħra, u jagħti pariri lill-istituzzjonijiet Ewropej u lill-Istati Membri.

L-ISFOND

Minkejja li bejn l-1990 u l-2017 globalment kien hemm żieda ta' erba' darbiet fil-produzzjoni tal-akkwakultura, il-produzzjoni aggregata ta' frott tal-baħar imrobbi fl-Istati Membri kollha tal-UE baqgħet stabbli għal żmien twil għal madwar 1.2 miljun tonnellata. Dan l-aħħar, madankollu, iċ-ċifri tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-UE żdiedu b'madwar 24 %, u fl-2017 il-valur tal-produzzjoni tal-akkwakultura Ewropea ammonta għal EUR 5.6 biljun. Il-prodotti tal-ħut kienu responsabbli għal 76 % ta' din iċ-ċifra filwaqt li l-krustaċji u l-molluski kienu responsabbli għall-24 % l-oħra. Il-produtturi tal-akkwakultura tal-UE ffukaw primarjament fuq erba' speċijiet — il-maskli (35 % tal-volum totali), is-salamun (15 %), it-trota (14 %) u l-gajdri (7 %) — u fost l-ispeċijiet importanti oħra imrobbija fl-UE nsibu l-awrat, il-karpjun, l-ispnott u l-gandoffli.

Il-produtturi prinċipali tal-akkwakultura fost l-Istati Membri tal-UE fl-2017 kienu Spanja (21 %), Franza (15 %), ir-Renju Unit (14 %), l-Italja (14 %) u l-Greċja (10 %), li flimkien kienu responsabbli għal madwar 74 % tal-produzzjoni totali tal-akkwakultura. Madankollu, f'termini ta' valur ta' produzzjoni, fuq quddiem nett fost il-produtturi kien hemm ir-Renju Unit (21 %), segwit minn Franza (16 %), Spanja (13 %), il-Greċja (12 %) u l-Italja (11 %). Il-molluski bivalvi (il-maskli, il-gajdri u l-gandoffli) huma dominanti fi Spanja, Franza u l-Italja. Ir-Renju Unit ipproduċa prinċipalment is-salamun, filwaqt li l-Greċja pproduċiet prinċipalment l-ispnott u l-awrat.

STRATEĠIJA GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI TAL- AKKWAKULTURA EWROPEA

Bħala l-ewwel tentattiv biex jiġi indirizzat l-istaġnar tal-produzzjoni tal-akkwakultura, fl-2002 il-Kummissjoni ppubblikat komunikazzjoni ([COM\(2002\)0511](#)) bit-titolu "A



strategy for the sustainable development of European aquaculture" (Strategġija għall-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura Ewropea). L-oġġetti ta' din l-istrategġija kienu:

- il-ħolqien ta' impjiegi siguri fuq perjodu twil, b'mod partikolari fiż-żoni dipendenti fuq l-industrija tas-sajd, u ż-żieda b'madwar 8 000 sa 10 000 impjieg ekwivalenti għal full-time fil-qasam tal-akkwakultura matul il-perjodu 2003-2008;
- l-iżgurar tad-disponibbiltà ta' prodotti għall-konsumaturi li jkunu tajbin għas-saħħa, sikuri u ta' kwalità tajba, kif ukoll il-promozzjoni ta' standards għolja tas-saħħa u l-benessri tal-annimali;
- l-iżgurar ta' industrija b'saħħitha mil-lat ambjentali.

Madankollu, l-istrategġija ma laħqitx l-oġġetti tagħha, b'mod partikolari rigward iż-żieda fil-produzzjoni u fl-impjiegi fejn: la nkisbet il-mira ta' 4 % fir-rata ta' tkabbir u lanqas ma nkisbet il-mira li jinħolqu minn 8 000 sa 10 000 impjieg ġdid.

Il-problema prinċipali tas-settur tal-akkwakultura s'issa kienet in-nuqqas ta' tkabbir tal-produzzjoni, b'kuntrastr qawwi mar-rata għolja ta' tkabbir osservata fil-bqija tad-dinja. Is-settur, madankollu, irreġistra progress tajjeb f'oqsma bħall-iżgurar tad-disponibbiltà ta' prodotti ta' kwalità għall-konsumatur u l-iżgurar tas-sostenibbiltà ambjentali.

Minbarra l-limitazzjonijiet u l-ostakli tradizzjonali, l-akkwakultura Ewropea ltaqgħet ma' żieda fil-kompetizzjoni mill-produzzjoni f'pajjiżi terzi sa mill-2002, u kellha tħabbat wiċċha ma' kriżijiet ta' governanza u mal-effetti tal-kriżi ekonomika wara l-2007.

IL-BINI TA' FUTUR SOSTENIBBLI GĦALL-AKKWAKULTURA — SPINTA ĠDIDA GĦALL-ISTRATEGĠJA GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI TAL-AKKWAKULTURA EWROPEA

Seba' snin wara, fit-8 ta' April 2009, il-Kummissjoni ppubblikat it-tieni komunikazzjoni tagħha ([COM\(2009\)0162](#)) dwar l-akkwakultura, sabiex tidentifika u tindirizza l-kawżi tal-istaġnar tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-UE. Din il-komunikazzjoni l-ġdida kienet intitolata: "Il-bini ta' futur sostenibbli għall-akkwakultura: Spinta ġdida għall-istrategġija għall-iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea". L-għan tagħha kien li tiżgura li l-UE tibqa' attur ewlieni f'settur strateġiku, permezz ta' żieda fil-produzzjoni u fl-impjiegi bl-implimentazzjoni tal-azzjonijiet li ġejjin:

A. Il-promozzjoni tal-kompetittività tal-produzzjoni tal-akkwakultura tal-UE permezz ta':

- ir-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku;
- il-promozzjoni tal-ippjanar tal-ispazju għall-akkwakultura sabiex tiġi indirizzata l-problema tal-kompetizzjoni f'termini ta' spazju;
- l-għoti tas-setgħa lin-negozji tal-akkwakultura sabiex ilaħħqu mad-domanda tas-suq;
- il-promozzjoni tal-iżvilupp tal-akkwakultura fid-dimensjoni internazzjonali tagħha;



B. L-istabbiliment ta' kundizzjonijiet għal tkabbir sostenibbli tal-akkwakultura permezz ta':

- I-iżgurar tal-kompatibbiltà bejn l-akkwakultura u l-ambjent;
- it-tiswir ta' industrija b'rendiment għoli tat-trobbija fl-irziezet tal-annimali akkwatiċi;
- I-iżgurar tal-ħarsien tas-saħħa tal-konsumatur u r-rikonoxximent tal-benefiċċji tal-prodotti tal-ikel akkwatiċi fuq is-saħħa;

C. It-titjib tal-governanza u tad-dehra tas-settur permezz ta':

- I-implimentazzjoni aħjar tal-leġiżlazzjoni tal-UE;
- it-tnaqqis tal-piż amministrattiv;
- I-iżgurar ta' parteċipazzjoni idonea mill-partijiet interessati u l-għoti ta' informazzjoni xierqa lill-pubbliku;
- tal-iżgurar ta' monitoraġġ adegwat tas-settur tal-akkwakultura.

LINJI GWIDA STRATEĠIĊI GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI TAL- AKKWAKULTURA FL-UE

Finalment, il-linji gwida strateġiċi ([COM\(2013\)0229](#)) ippubblikati mill-Kummissjoni fid-29 ta' April 2013 kellhom l-għan li jgħinu lill-Istati Membri jiddefinixxu l-miri nazzjonali tagħhom stess, filwaqt li jqisu l-pożizzjonijiet inizjali, iċ-ċirkostanzi nazzjonali u l-arranġamenti istituzzjonali relattivi tagħhom. Dawn il-linji gwida indirizzaw erba' oqsma ta' prijorità:

- simplifikazzjoni tal-proċeduri amministrattivi u tnaqqis taż-żmien għall-għoti ta' liċenzja għall-farms tal-akkwakultura;
- ippjanar spazjali kkoordinat biex jiġi megħlub l-effett ta' xkiel ikkawżat min-nuqqas ta' spazju;
- titjib tal-kompetittività tal-akkwakultura tal-UE;
- promozzjoni ta' kundizzjonijiet ekwi.

PJANIJET STRATEĠIĊI NAZZJONALI PLURIENNALI

Kif stabbilit permezz tal-Artikolu 34 tar-regolament bażiku tal-PKS (Regolament (UE) Nru 1380/2013^[1]), l-Istati Membri kellhom iressqu [pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali](#) għall-iżvilupp ta' attivitajiet ta' akkwakultura fuq it-territorju tagħhom għall-perjodu 2014-2020. Il-Kummissjoni ħeġġet l-iskambju ta' informazzjoni u l-aħjar prattiki fost l-Istati Membri permezz ta' diversi sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat. Bħala segwitu, iffaċilitat il-koordinazzjoni tal-miżuri nazzjonali previsti fil-pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali. L-Istati Membri wettqu valutazzjoni ta' nofs it-terminu tal-implimentazzjoni tal-pjanijiet strateġiċi nazzjonali pluriennali tagħhom sa tmiem l-2017. Ir-rapporti ta' valutazzjoni finali mistennija jaslu mill-gvernijiet nazzjonali fil-bidu tal-2021.

[1] [ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.](#)



IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament adotta bosta rizzoluzzjonijiet bl-objettiv tat-tisħiħ ulterjuri tas-settur tal-akkwakultura tal-UE:

- Ir-rizzoluzzjoni tas-16 ta' Jannar 2003 bit-titolu "Aquaculture in the European Union: present and future" (L-akkwakultura fl-Unjoni Ewropea: il-preżent u l-futur)^[2];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tas-27 ta' April 2006 dwar il-proposta għal direttiva tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard fl-annimali li jgħixu fl-ilma^[3];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tal-14 ta' Novembru 2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill dwar l-użu ta' speċi eżotiċi u assenti lokalment fl-akkwakultura^[4];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tal-14 ta' Novembru 2006 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jimmodifika r-Regolament (KE) Nru 104/2000 tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura^[5];
- Ir-rizzoluzzjoni tal-4 ta' Diċembru 2008 dwar l-adozzjoni ta' Pjan Ewropew ta' kontroll tal-istokkijiet tal-marguni sabiex jitnaqqas l-effett dejjem jiżdied tal-marguni fuq l-istokkijiet tal-ħut, is-sajd u l-akkwakultura^[6];
- Ir-rizzoluzzjoni tas-17 ta' Ġunju 2010 dwar spinta ġdida għall-Istrateġija għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-Akkwakultura Ewropea^[7];
- Ir-rizzoluzzjoni tat-8 ta' Lulju 2010 dwar is-sistema ta' importazzjoni fl-UE ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fid-dawl tar-riforma futura tal-PKS^[8];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tat-23 ta' Novembru 2010 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 708/2007 dwar l-użu ta' speċijiet aljeni u li ma jinstabux lokalment fl-akkwakultura^[9];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tat-12 ta' Settembru 2012 dwar il-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura^[10];
- Ir-rizzoluzzjoni leġiżlattiva tal-10 ta' Diċembru 2013 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fil-prodotti tas-sajd u l-

[2] [ĠU C 38 E, 12.2.2004, p. 318.](#)

[3] [ĠU C 296 E, 6.12.2006, p. 106.](#)

[4] [ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 73.](#)

[5] [ĠU C 314 E, 21.12.2006, p. 76.](#)

[6] [ĠU C 21 E, 28.1.2010, p. 11.](#)

[7] [ĠU C 236 E, 12.8.2011, p. 132.](#)

[8] [ĠU C 351 E, 2.12.2011, p. 119.](#)

[9] [ĠU C 99 E, 3.4.2012, p. 177.](#)

[10] [ĠU C 353 E, 3.12.2013, p. 212.](#)



akkwakultura li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1184/2006 u (KE) Nru 1224/2009 u jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 104/2000^[11];

- Ir-riżoluzzjoni tat-8 ta' Settembru 2015 bit-titolu "Nisfruttaw il-potenzjal ta' riċerka u innovazzjoni fl-ekonomija blu biex jinħolqu t-tkabbir u l-impjiegi"^[12];
- Ir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Mejju 2016 dwar it-traċċabilità ta' prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fir-restorazzjoni u l-bejgħ bl-imnut^[13];
- Ir-riżoluzzjoni tat-12 ta' Ġunju 2018 bit-titolu "Lejn settur Ewropew tal-akkwakultura sostenibbli u kompetittiv: is-sitwazzjoni attwali u l-isfidi futuri"^[14].

Marcus Ernst Gerhard Breuer / María Dolores CASTRO CADENAS
05/2020

[11] [ĠU C 468, 15.12.2016, p. 237.](#)

[12] [ĠU C 316, 22.9.2017, p. 64.](#)

[13] [ĠU C 76, 28.2.2018, p. 40.](#)

[14] [ĠU C 28, 27.1.2020, p. 26.](#)

